MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1152/2001/1

**Nażżareno ABELA**

**vs**

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta' Ġunju, 2001, li fih ir-rikorrent Nażżareno Abela ippremetta:

Illi b'sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-24 ta' Jannar, 2000 fil-proċeduri fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Nazzareno Abela (Att ta' Akkuża 29/97) l-esponent fuq ammissjoni tiegħu stess, ġie misjub ħati ta' l-imputazzjonijiet lilu addebitati fl-imsemmi att ta' akkuża u kkundnnat għal piena ta' ħdax-il (11) sena priġunerija mil-lum u multa ta' tnejn u għoxrin elf lira maltin (Lm22,000),

konvertibbli din il-multa f'sena priġunerija oħra f'każ ta' nuqqas ta' pagament skond il-liġi;

Illi l-Onorabbli Qorti Kriminali fl-istess sentenza, ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes u proprjeta' mobbli oħra u tal-proprjeta' immobbli kollha ta' Nazzareno Abela, uokll jekk il-proprjeta' immobbli minn meta huwa ġie akkużat għaddiet għand terzi persuni, u anki jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta' mobbli jew proprjeta' immmobbli jinsabu f'xi  post barra minn Malta, kopja ta' liema sentenza qed tiġi annessa bħala Dokument NA1;

Illi b'sentenza tagħha tad-19 t'April, 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fuq ċitata, inkluz il-konfiska tal-proprjeta' ta' l- esponent, kopja ta' liema sentenza qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala Dokument NA2;

Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruħu minn dak dispost  fl-Artikolu 22C(1) sa' (8) tal-Kap. 101 u dana stante li l-proprjeta' mobbli u mmobbli u l-flejjes milquta bl-istess ordni ta' konfiska ma ġewx akkwistati mnn profitti jew dħul ta' bejgħ ta' kokaina jew xort'oħra konsegwenza ta' xi reat magħmul kontra l-Ordinanza tal-Mediċini perikoluzi;

Illi, in effetti l-esponent għamel perjodu konsiderevoli jaħdem il-Libya ma' Marmion Constructions;

Illi wara li rritorna lura Malta l-esponent ħadem regolarment ma' Dredging Works Co. Ltd. full time u dan bejn s-26 ta' Ġunju, 1985 sas-26 ta' Marzu, 1993 u dan skond kf jirriżulta mid-Dokument NA4 li qed jiġi anness ma' dan ir-rikors;

Illi l-esponent ħadem ukoll matul il-perjodu fuq imsemmi, kemm bħala Sprayer self-employed, kif ukoll bħala handyman fisSolair Restaurant;

Illi għalhekk, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-proprjeta' ta' l-esponent ma ġietx akkwistata minnu b'konsegwenza ta' xi għemil bi ksur tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li kull proprjeta' mobbli, inkluz flejjes jew proprjeta' immobbli konfiskati konsegwenza tal-proċeduri fuq imsemmija ma ġewx akkwistati minn profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tirrevoka għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-konfiska magħmula fil-konfront tiegħu a tenur tal-Artikolu 22(3A) tal-Kapitolu 101 u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat l-erba' (4) dokumenti mehmużin mal-istess Rikors;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-28 ta' Settembru, 2001, li biha l-intimat Kummissarju tal-Pulizija eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok jiġi sollevat li skond l-artikolu 22C(4) tal-Kap 101 t-tqegħid tar-rikors għas-smiegħ kellu jsir fi żmien mhux aktar tard minn tletin gurnata mid-data tal-prezentata tar-rikors. Għalhekk huwa opportun li preliminarjament jiġi konsidrat jekk il-Qorti tistax tieħu aktar konjizzjoni ta' dan ir-rikors billi l-proprjeta' konfiskata, tenut kont tat-trapass taż-żmien, hija *ope legis* proprjeta' tal-Gvern;

Illi subordinatament u mingħajr pregudizzju għas-suespost, il-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjeta' jew l-akkwist leċitu tagħha, tispetta lir-rikorrent;

Illi fi kwalunkwe każ ir-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrent;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunita' li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat fit-28 ta' Novembru, 2001[1], b'dokument mehmuż magħha;

[1] Paġġ. 25 sa 30 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fil-31 ta’ Jannar, 2002[2], b’affidavit tax-xhieda tiegħu u b’dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fit-13 ta’ Frar, 2002[3], b’erba’ (4) affidavit mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fl-20 ta’ Frar, 2002[4], b’affidavit mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Frar, 2002[5], li bih u fuq talba tar-rikorrent magħmula f’rikors dak inhar stess, tat lir-rikorrent żmien biex iressaq Nota ta’ Sottomissjonijiet bi Tweġiba għan-Nota ta’ Riferenzi mressqa mill-intimat;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-17 t’April, 2002[6], dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degrieti tagħha tat-2 ta’ Mejju, 2002, tas-27 ta’ Settembru, 2002, tat-3 t’April, 2003, u tad-29 ta’ Mejju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22Ċ(1) tagħha jista’ jintalab li ħwejjeġ persuna misjuba ħatja ta’ reat kontra l-Ordinanza, ma jibqgħux iżjed hekk milquta bil-konfiska magħmula, jekk din turi li dawk il-ħwejjeġ ma jkunux profitt jew dħul minn għamil ta’ reat jew

[2] Paġġ. 31 sa 35 tal-proċess
[3] Paġġ. 38 sa 43 tal-proċess
[4] Paġġ. 48-9 tal-proċess
[5] Paġ. 52 tal-proċess
[6] Paġġ. 54-6 tal-proċess

ma jkunux miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta' xi profitt jew dħul bħal dak;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent jgħid li:

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi fl-ewwel lok staqsa jekkil-Qorti għandhiex tibqa' tisma' l-każ ladarba ma sejħitx l-ewwel smigħ fiż-żmien ta' tletin (30) jum minn meta tressaq ir-Rikors, kif trid il-liġi[7]. Huwa ikkontesta wkoll il-pretensjonijiet tar-rikorrent fil-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-intimat;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li, b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar, 2000[8] mill-Qorti Kriminali u aktar tard konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tagħha tad-19 t'April, 2001[9], ir-rikorrent instab ħati ta' reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Mal-għoti tas-sentenza, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' flus u ħwejjeġ ir-rikorrent skond l-artikolu 22(3A)(d) tal-istess Kapitolu. Ir-rikorrent ressaq ir-Rikors tiegħu preżenti fil-25 ta' Ġunju, 2001, u l-Qorti appuntat is-smigħ b'Degriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2001, għall-24 t'Ottubru, 2001. L-intimat laqa' notifika tal-atti fis-17 ta' Settembru, 2001[10], u ressaq it-Tweġiba tiegħu fit-28 ta' Settembru, 2001;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, irid jingħad li l-proċedura speċjali maħsuba fl-artikolu taħt eżami hija waħda li tagħmel eċċezzjoni, fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza minn Qorti kompetenti, u għalhekk, ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-istess liġi dwar il-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser l-Ordinanza, u sakemm jiġu mħarsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux usa' minn dak li ried il-leġislatur. Ta' min jgħid ukoll li tali proċedura tapplika għal ordni

[7] Art 22Ċ(4) tal-Kap 101
[8] Dok "NA1", f'paġġ. 4-5 tal-proċess
[9] Dok "NA2", f'paġġ. 6 sa 14 tal-proċess
[10] Paġ. 17 *tergo* u 19 *tergo* tal-proċess

magħmul taħt l-artikolu 22(3A)(d) biss. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, mobbli u kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba ħatja, kemm jekk jinsabu f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna;

Illi din il-proċedura, li ddaħħlet fis-sistema tagħna fl-1986, hija miftuħa kemm għall-persuna misjuba ħatja u kif ukoll għat-terza persuna li f'idejha l-immobbli jkun għadda, u trid tinbeda mhux iżjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir ġudikat[11]. Jekk wara smigħ sommarju kif preskritt fl-imsemmi artikolu[12] il-Qorti tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent għandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-ġid li jkun milqut b'dik id-deċiżjoni ma jibqax iżjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-saħħa tad-deċiżjoni nnifisha meta din issir ġudikat[13], u dik id-deċiżjoni favorevoli titqies bħala trasferiment tat-titolu ta' dak il-ġid lura mill-Gvern għal għand ir-rikorrent[14];

Illi għalkemm il-liġi tgħid li l-konfiska sseħħ favur il-Gvern ta' Malta[15], u skond ma joħroġ mill-artikolu 22(7) tal-istess Ordinanza, l-ordni tal-konfiska għandha s-saħħa ta' sentenza, il-liġi tgħid li l-leġittimu kontradittur fi proċedura bħal din huwa l-Kummissarju tal-Pulizija[16], li fuqu huwa mitfugħ id-dmir li jressaq it-tweġiba fi żmien ħmistax-il jum min-notifika lilu;

Illi huwa evidenti wkoll li jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għamil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u

[11] Art. 22Ċ(2) tal-Kap 101
[12] Art. 22Ċ(6) tal-Kap 101
[13] Art. 22D tal-Kap 101
[14] Art. 22Ċ(8) tal-Kap 101
[15] Art. 22(3) tal-Kap 101
[16] Art. 22Ċ(5) tal-Kap 101

Proċedura Ċivili[17] huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali;

Illi biex isaħħaħ l-istedina li għamel fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-intimat ressaq Nota ta' Riferenza li fiha semma sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) sewwasew fuq eċċezzjoni bħal din f'kawża oħra[18], fejn l-eċċezzjoni ntlaqgħet u l-proċediment twaqqaf sewwasew għaliex ma kinux ġew imħarsin it-termini ta' żmien imsemmijin fil-liġi;

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent ressaq Nota ta' Sottomissjonijiet li fiha warrab l-argumenti tal-intimat fuq il-bażi ewlenija li l-jedd eżerċitat minn f'waqtu kif trid il-liġi m'għandux jiġi mxejjen minħabba teknikalita' li għaliha ma kien jaħti bl-ebda mod;

Illi l-Qorti, għar-raġunijiet li sejrin jissemmew hawn taħt, taqbel mar-rikorrent f'dan ir-rigward u ma tħossx li tkun qegħda tagħmel ħaqq u tamministra kif imiss il-ġustizzja jekk kellha tilqa' l-istedina tal-intimat biex ma tibqax tisma' iżjed ir-Rikors;

Illi l-ewwel raġuni u dak li għal din il-Qorti hija l-iżjed raġuni mistħoqqa tikkonsisti fil-fatt li, safejn kien jiddependi mir-rikorrent, huwa mexxa fiż-żmien li kienet tagħtih il-liġi u bil-proċedura li messha ntużat. Is-sanzjoni li qiegħed jitlob l-intimat bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu titfa' fuq ir-rikorrent responsabbilta' li m'għandux u li ma kienx f'qagħda li jikkontrolla. Teknikament, l-eċċezzjoni biex jitwaqqaf is-smigħ hija immirata lejn il-fatt li l-Qorti, minħabba eżiġenzi tat-tmexxija tal-kawżi li kellha tisma' u kif ukoll biex tieħu ħsieb li tħares it-terminu taż-żmien mogħti mil-liġi biex l-intimat iressaq it-Tweġiba tiegħu, naqset li tqiegħed l-ewwel smigħ tar-Rikors promotur saż-żmien tat-tletin jum imsemmi fis-sub-artikolu (4). Ta' dan kollu r-rikorrent ma kien jaħti xejn u l-Qorti ma tistax fil-

[17] Art. 22Ċ(7) tal-Kap 101

[18] Ara, P.A. GV **10.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Refalo vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

kuxjenza tagħha taċċetta li r-rikorrent għandu jiġi mċaħħad, minħabba xi ħaġa li m'għamilx u ma seta' qatt jiddetermina, minn jedd mogħti lilu mil-liġi nnifisha u dan taħt il-massima *in omnibus maxime in jure aequitas spectanda est.* B'dan li ngħad, il-Qorti ma trid bl-ebda mod tagħti 'l wieħed x'jifhem li t-termini fil-liġi jintgħamlu għal xejn jew jistgħu jitwarrbu bla xkiel, imma l-qofol kollu huwa li meta l-Qorti tiġi fdata bir-responsabbilta' ta' smigħ ta' kawża, dan għandha tfittex tagħmlu b'mod sostantiv u fil-limiti tal-possibilitajiet tagħha;

Illi, fit-tieni lok, l-liġi li fuqha hija msejsa l-eċċezzjoni preżenti mkien ma tgħid li proċedura li ma tħarisx għal xi raġuni t-termini ta' żmien imsemmijin fiha tiġi ma tiswiex. Lanqas ma tgħid li l-konfiska tal-ġid tar-rikorrent - li tkun seħħet favur il-Gvern meta s-sentenza li tkun ordnatha tkun saret finali u konkluživa – issir irriversibbli jekk ma jitħarisx dak it-terminu. Dik id-dispożizzjoni trid titqies fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dik il-liġi speċjali, u dawk id-dispożizzjonijiet ma jagħmlux in-nuqqas ta' ħarsien strett tal-imsemmi terminu wieħed li jinvalida proċedura mibdija kif imiss fiż-żmien utli;

Illi, fit-tielet lok, billi r-rikorrent huwa mogħti mil-liġi nnifisha l-jedd li jressaq il-proċedura preżenti jiġi li tnissel fih id-dritt li jinsisti għad-definizzjoni ta' dak il-jedd u għal smigħ xieraq dwaru. Taħt il-massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, ma jistax jingħad li l-intimat qiegħed iġarrab xi ħsara jew preġudizzju fl-interess tutelabbli tiegħu bil-mixi 'l quddiem tas-smigħ ta' dan ir-Rikors;

Illi, fir-raba' lok, il-Qorti tinnota li s-sentenza li għaliha għamel riferenza l-abbli difensur tal-intimat waqt it-trattazzjoni bil-fomm tiegħu dwar l-eċċezzjoni taħt eżami[19] ma tistax tapplika f'dan il-każ, minħabba li jidher li dik is-sentenza kienet tirrigwarda azzjoni mibdija b'att ġudizzjarju mressaq ħażin (u għalhekk b'xi mod attribwibbli lill-parti), filwaqt li fil-kwestjoni mqanqla f'dan il-każ ir-rikorrenti ma kien bl-ebda mod mankanti;

[19] App. Ċiv. **12.6.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kontrollur tad-Dwana*** (mhix pubblikata)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat, u tordna li s-smigħ tar-Rikors jitkompla bil-ġbir tal-provi.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------